TAL-PIETA`

# MINUTI

## It-tmien Legislatura - SEDUTA Nru. 38

It-Tnejn, 27 ta' Gunju, 2022

Il-Kunsill Lokali ta' Tal-Pieta` ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 11, Il-Pellikan, Triq K. Mifsud, Tal-Pieta`, fit-3.30p.m.

Is-Sindku Zoya Attard ippresidiet.

**PREZENTI**

Kienu prezenti, is-Sindku Zoya Attard, il-Vici Sindku Anthony Camilleri u l-Kunsillieri Josef Fitzpatrick, Mark Pisani u Stefano Savo.

**TALBA**

Is-Sindku qalet it-talba.

**1. MINUTI**

***1.1*** Il-minuti tas-Seduta Nru. 37 li saret nhar it-Tnejn, 23 ta' Mejju, 2022, kienu approvati.

**2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI**

***2.1*** Ma kienx hemm ittri ta' apologiji.

**3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI**

***3.1*** ***Pjazza San Luqa***. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-*compliance* mill-PA kien hareg u ser issir l-applikazzjoni ghal meters tad-dawl u l-ilma.

**4 CO-OPTION TAS-SUR STEFANO SAVO**

***4.1*** Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-Partit Laburista kien ressaq lis-Sur Stefano Savo sabiex jigi elett Kunsillier permezz ta' co-option f'ismu sabiex jimla l-post vakat mis-Sur Keith Azzopardi Tanti . Il-Kunsill unanimament qabel ma' dan u awgura lis-Sur Savo hidma sfieqa ghal gid tal-lokal ta' Tal-Pieta`

***4.2*** Ghalhekk is-Sur Savo ha l-gurament ta' kariga ta' Kunsillier.

**5 KOLLABORAZZJONI MAR-REGJUN LVANT**

***5.1*** Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill dwar erba' skemi li nieda r-Regjun Lvant

***5.2*** L-ewwel skema hija biex jigu mghejuna ghaqdiet fil-lokal. Kien hemm qbil li bhal ma jsir kull sena, tigi mghejuna l-Pieta` Hotspurs Nursery f'attivita` li ssir mal-Kunsill kif ukoll l-Ghaqda tas-Sajd ta' Tal-Pieta`.

***5.3*** It-tieni skema hija dwar Progett Kulturali. Is-Sindku ssuggeriet li b'dawn il-fondi jerga' isir Jum il-Lokal fejn jinghata wkoll Gieh il-Lokal. Issemmew xi nies idoneji ghal dan ir-rikonoxximent. Is-Segretarju Ezekuttiv issuggerixxa wkoll li jidhlu wkoll l-ispejjez relatati mal-kuncert li jsir qabel il-Festa. Kien hemm qbil dwar dan.

***5.4*** It-tielet skema hija biex isiru progetti ta' titjib fil-lokalita`. Is Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li hemm progetti tad-dawl li saru fil-passat u li issa ghandhom bzonn manutenzjoni sostanzjali biex dawn jergghu jixghelu kif kienu u li bl-allokazzjoni tal-Gvern dawn fil-prezent mhux possibli li jsiru. Fost dawn hemm id-dawl tat-Torpedo Depot u d-dawl tar-roundabout ta' hdejn il-club tal-bocci. Il-Kunsill qabel li b'dawn il-fondi isir il-manutenzjoni tad-dawl ta' dawn iz-zewg postijiet.

***5.5*** Ir-raba' skema hija sabiex isir id-dawl tal-Milied. Il-Kunsill qabel li nitkellmu mal-kuntrattur sabiex naraw kif l-ahjar dan isir.

**6 REGJUN EWROPEW TAL-ISPORT 2023**

***6.1*** Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li r-Regjun Lvant kien intghazel biex ikun ir-Regjun Ewropew tal-Isport ghas-sena 2023. Is-Sindku qalet li kienet qed tinsisti mar-Regjun sabiex il-lokal ta' Tal-Pieta` ikun involut f'dan l-isports. Issemmew xi sports bhal bowling, darts, snooker, canoeing u football li fil-lokal hawn nies li jipprattikaw tali sports u li ghandu jigi mbuttat sabiex ikun parti min dan l-avveniment.

**7 KORRISPONDENZA**

***7.1*** Ma kienx hemm korrispondenza x'titressaq

**8 MISTOQSIJIET**

***8.1*** Il-Kunsillier Pisani staqsa meta kien se jibda x-xoghol fil-*playingfield.* Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kif diga maqbul, dan ser jibda wara s-Sajf. Sadanittant qed tigi mistharrga l-possibilta ta' finanzjament minn sorsi ohra.

***8.2*** Il-Vici Sindku talab biex issir rampa zghira biex jinzlu siggijiet bir-roti minn fuq il-bankina ta' Triq Pietru Xuereb k/m Triq Danny Cremona, Hamrun. Is-Segretarju wiegeb li din se tidhol fil-programm tax-xoghol tal-haddiema.

***8.3*** Il-Kunsillier Fitzpatrick informa li hemm xi *wires* tad-dawl imdendlin mal-bini tal-*housing estate* fi Triq Joe Gasan. Is-Segretarju wiegeb li dawn kienu se jigu rrapurtati lill-Enemalta.

**9 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU**

***9.1*** Ma kienx hemm Komunikazzjoni tas-Sindku.

**10 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS***

***10.1*** Is-Sindku, ssekondata mill-Vici Sindku, ressqet mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 35. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.*

## 11. TMIEM

***11.1*** Fl-4.15pm intemmet is-Seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar l-Erbgha, 20 ta' Lulju, 2022, fit-3.30pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Zoya Attard
Sindku